TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Nicole Schembri

vs

Portughes Dry Cleaning Ltd

CCT 165/22/MS

15 ta' Novembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-4 ta' Novembru 2022 fejn talbet ir-rifuzjoni ta mitejn u dsatax - il euro (219.00), prezz ta' libsa li sfat daneggjata wara li ttiehedet ghat-tindif ghand is-socjeta' intimata, u li giet lura mahmuga.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata fejn qalet illi ghalkemm kienet lesta li tirrimpjazza u/jew ssewwi dak kollu li kien hemm bzonn, ir-rikorrenti ma qablitx u riedet bilfors tiehu l-flus ghall-libsa gdida.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi fis-16 ta' Awwissu 2022, ir-rikorrenti xtrat libsa minghand il-hanut Gusber, li jinsab f'Birkirkara, ghall-prezz ta' €219.00. Inqas minn xahar wara il-libsa ttiehdet ghand is-socjeta' intimata, u fil-15 ta' Settembru din giet lura ghandha. Malli fethet il-libsa sabet illi l-libsa ma kenitx tnaddfet kif suppost u kienet ghadha mtebba'. Di piu', il-*padding* tal-libsa kienet dawret ta' taht fuq, il-*corset* tghawwget u giet bla forma u l-kuzakk kien mibrux. Ir-rikorrenti hadet il-libsa lura ghandhom u qalulha biex thalli l-libsa hemm sakemm jaghtuha risposta u assigurawha illi ma kienux ser jahsluha jew isewwuha minghajr il-kunsens taghhom. Qabblu wkoll illi l-libsa kienet ghadha mahmuga. Qalulha wkoll illi huma kienu pprocedu skond it-tabella tad-*drycleaning,* b'danakollu kien hemm

min qallha illi l-libsa tnaddfet bill-hall u min qallha li tnaddfet bl-ispiertu. Qalulha li kienet inhasslet fil-magna tal-hasil u meta rat illi kienet ghadha mahmuga, qalulha li seta' thammget fid-*delivery van*. Qalet illi kienet tapprezza li kieku giet avzatha li kienu ser jahsluha fil-magna tal-hasil minflok bil-process tad-dry cleaning. Ghalkemm hija talbithom flusha lura huma rrifjutaw u accettaw illi jsewwu l-libsa minflok.

Illi xehed ukoll Ian Portughes illi kkonferma illi huma kienu rcevew il-libsa ghat-tindif u naddfuha skond l-istruzzjonijiet li kien hemm fuq it-tabella. Ammetta illi waqt it-tindif il-*bust paddings* daru u ingiref il-kuzakk. B'danakollu qal illi hu mexa skond l-istruzzjonijiet u meta r-rikorrenti cemplet biex tilmenta huma qalulha li l-libsa tista' tigi rrangata u kienu disposti li jbiddlu l-zip, imma hi rrifjutat u riedet biss il-flus tal-libsa.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qieghda titlob ir-rifuzjoni ta' mitejn u dsatax - il euro, prezz ta' libsa li hija xtrat minghand il-hanut Gusber, liema libsa sfat daneggjata wara li ttiehdet ghand is-socjeta' intimata ghat-tindif. Min-naha taghha, is-socjeta' intimata, filwaqt illi tikkonferma illi waqt il-process ta' tindif, iz-zip ingiref u l-*paddings* daru ta' taht fuq, huma qalu illi kienu disposti illi jirrangaw dawn in-nuqqasijiet.

Illi ghalkemm kien ikun ahjar li kieku r-rikorrenti esebiet l-ircevuta tal-libsa, minflok it-transazzjoni bankarja ta' meta nxtrat, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naha tas-socjeta' intimata f'dan is-sens, u t-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda tar-rikorrenti, li xehdet bil-gurament.

Il-libsa nxtrat minn Gusber, hanut f'Birkirkara li jbiegh ilbiesi tan-nisa, u t-transazzjoni saret fis-16 ta' Awwissu 2022. Inqas minn xahar wara li nxtrat, il-libsa ttiehdet ghand is-socjeta' intimata ghat-tindif, u xahar wara, fil-15 ta' Settembru regghet giet konsenjata lir-rikorrenti, li ndunat illi l-libsa kienet fi stat hazin -u hadet il-libsa lura ghandhom u talbet ir-rifuzjoni tal-flus. Hi halliet il-libsa hemmhekk u kienet qed tistenna risposta minghandhom, li min-naha taghhom offrewlha illi jaghmlu tiswijiet minflok jaghtuha flusha lura. Pero' fil-frattemp, il-libsa regghet tnaddfet minghajr il-kunsens taghha.

Ikkunsidra

Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata xehed illi l-libsa kienet tnaddfet skond it-tabella, ma elaborax fuq dan il-punt. La qal x'kienet tghid it-tabella u wisq anqas kif inhasslet - u cjoe' jekk dan sar bil-process ta' dry cleaning jew fil-magna tal-hasil. Lanqas ma offra spjegazzjoni il-ghaliex il-libsa regghet inhasslet, u ma kkontestax il-fatt li dan sar minghajar il-kunsens tar-rikorrenti. Mid-dokumenti esebiti, jidher car illi il-libsa regghet

tnaddfet fis-16 ta' Settembru (Redone), u cjoe' l-ghada li l-libsa giet konsenjata lir-rikorrenti wara l-ewwel process tat-tindif.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi l-versjoni tar-rikorrenti hija iktar verosimili u anke korroborata. Fin-nuqqas ta' spjegazzjoni cara ta' kif il-libsa inhasslet u wara li ra r-ritratti esebiti, t-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ghandha ragun fit-talba taghha. Wara kollox il-libsa kienet ghadha gdida u apparti l-fatt illi r-rikorrenti kellha kull dritt tippretendi illi l-process ta' tindif ma jikompromettix l-istat tal-libsa, meta libsa titlef il-forma bil-hasil, ma hemmx iktar lok ghat- tiswija. Il-fatt illi r-rapprezentant kien dispost li jbiddel iz-zipper u jirranga l-paddings huwa ammissjoni illi l-affarijiet setghu saru b'mod iktar professjonali u mir-riratratti jidher car illi dan ma kienx zipper komuni, izda kellu kulur partikolari li jaqbel mal-libsa.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-isocjeta' intimata illi tirrifondilha s-somma ta' mitejn u dsatax il-euro. Bi dritt tas-socjeta' intimata illi zzomm il-libsa mertu tal-kaz. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru